Kunsill Lokali Mgarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
url : www.mgarr.gov.mt

# Seduta numru 3. Illum il-Hamis, 16 ta' Lulju 2009

## MINUTI

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali li saru nhar is-Sibt, 6 ta' Ġunju 2009, Itaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv fis-6.00p.m. fuq l-Agenda Segwenti;

Apprvazzjoni tal-Minuti
Korrispondenza
Komunikazzjonijiet
Festa ta' Santa Marija
Approvazzjoni ta' Dwal ġodda fl-Imġarr
Affarijiet Mixxellanji

## PREŻENTI

Is-Sindku Paul Vella, il-Viċi Sindku Eman Vella, Il-Kunsillier Giovanni Gatt u l-Kunsillier Maria Said.

Is-Segretarju Eżekuttiv : Christine Lewis, Deputat Segretarju Eżekuttiv : Noel Cini

## SKUŻATI

Il-Kunsillier Clayton Gauci,

Il-Laqgħa ġiet immexxija mis-Sindku Paul Vella

## MINUTI

### 3.00 Approvazzjoni tal-Minuti

3.01 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk ffirmati mis-Sindku u mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

### 4.00 Korrispondenza

4.01 Is-Sindku irrefera għar-rapport dwar it-tindif u ż-żamma tal-Bajja tal-Gnejna, maħruġ mis-Sezzjoni tal-Field Services fi ħdan id-Dipartiment tal-Gvern Lokali, partikolarment dwar in-nuqqas ta' litter bins fil-bajja u qal li ser ikellem lis-Sur Vassallo dwar dan.

4.02 Is-Sindku fakkar li l-Kunsill kien applika biex jingħata xi ħaddiema taħt l-iskema mnedija mill-ETC dwar Xogħol fil-Komunita`. Is-Sindku wara li tkellem dwar din l-iskema qal li hemm il-ħsieb li dawn il-ħaddiema jintużaw fuq il-proġett ta' manutenzjoni tal-ġnien pubbliku fi Triq Alwiza.

4.03 Ġew iċċirkolati numru ta' applikazzjonijiet ta' żvilupp fil-lokalita` ta 'l-Imgarr li waslu g]and il-MEPA. Kien hemm qbil li tinstab l-applikazzjoni li kien g]amel is-Sur Vince Vassallo u din ti[i mgħoddija lis-Sindku.

**5.00 Komunikazzjonijiet**

5.01 Is-Sindku tkellem dwar il-laqgħa li kienet saret aktar kmieni mas-sidien tal-gabbani li kienu jarmaw fil-jiem tal-festa. Hu qal li din il-laqgħa kienet inżammet minħabba ż-żieda fin-nar ta ' l-art lejlet-il festa, u n–nuqqas ta' spazju fejn jintramaw il-gabbani. Is-Sindku tkellem dwar il-proposti li kienu saru mis-sidien tal-gabbani waqt din il-laqgħa, u qal li issa kien ser jiltaqa' mal-pulizija, mal-Kappillan u mal-Kumitat tal-Festa biex flimkien jiddiskutu dawn il-proposti. Il-Kunsillier Said staqsiet kienx il-każ li jiżdiedu l-gabbani. Is-Sindku qal li għalissa aħjar ma jinħarġux permessi biex jintramaw gabbani ġodda.

5.02 Is-Sindku tkellem ukoll dwar ix-xogħolijiet li qed isiru fil-bini tal-Kunisll, u qal li kien ser jitkellem mal-kuntrattur dwar l-isky-light u anke dwar it-taraġ ta' barra.

5.03 Is-Sindku semma' it-tabelli tal-one way li kienu twaħħlu fi Triq il-Majistral u hawn żvolġiet diskussjoni jekk kienx il-każ li dawn it-tabelli jitbiddlilhom posthom, u dan sabiex dawn ikunu jidhru aktar.

**6.00 Festa ta' Santa Marija**

6.01 Il-Kunsill iddeċieda li għal darb' oħra issir fenkata fit-toroq ta' madwar il-knisja fit-13 ta' Awissu. Hawn ġie deċiż ukoll li tintbagħat ittra lis-sidien tar-risatoranti tal-madwar fejn jiġu nfurmati b' din l-attivita`. Il-Kunsill għandu jieħu ħsieb li jordna s-servizz ta' żewġ wardens minħabba li hemm il-bżonn li tingħalaq it-triq fejn ser tinzamm din l-attivita` bejn is-6.00pm u l-11.00pm Il-Kunsill iddeċieda wkoll li għandha ssir il-wirja ta' vetturi amerikani, u li għal waqt din l-attivita` jinġiebu xi mużiċisti.

6.02 Is-Sindku qal li s-soltu l-Kunsill ikun mistieden sabiex jattendi l-quddiesa konċelebrata ta' nhar il-festa, u ħeġġeġ ukoll lill-kunsillieri sabiex bħas-snin ta' qabel, jieħdu sehem fil-purċissjoni wara l-vara.

**7.00 Approvazzjoni ta' Dwal Godda fl-Imgarr**

7.01 Is-Sindku talab lill-Kunisllier Gatt sabiex jara l-lista ta' talbiet għal dwal ġodda, u talbu sabiex jindika liema kienu dawk id-dwal li diġa` saru, u dawk li għadhom ma sarux, u jressaqhom quddiem il-Kunsill fil-laqgħa li kien imiss.

**8.00 Affarijiet Mixxellanji**

8.01 Il-Kunsillier Said semmiet il-fatt li s-sid tal-ħanut Ta`l-Ingliz, wera x-xewqa li jitħalla jarma xi mwejjed u siġġijiet barra l-istabbiliment tiegħu bejn is-7.00pm u l-11.00pm. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni u se jigi riveduta l-ittra li ntbaghtet lilu.

8.02 Is-Sindku tkellem dwar ix-xogħol li kien sar fi Triq San Pawl fejn qal li kien intlaħaq kompromess sabiex jitneħħew iż-żewġ tarġiet li kien hemm, li jingħaddu l-mains, u li jitneħħew il-yellow lines u ssir il-bankina.

# Kunsill Lokali Mgarr

22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
url : www.mgarr.gov.mt


8.03 Il-Kunsill qabel li jitlob li l-linji li hemm fi Triq iż-Zebbiegħ isiru bħal dawk li kien hemm fi Triq Fisher.

8.04 Is-Sindku ppropona li s-Sur David Battistino għandu jibqa' jirrappreżenta lill-Kunsill fil-Grupp Azzjoni Lokali tal-Majjistral (G.A.L.). Din il-proposta kienet approvata unanimament.

8.05 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Viċi Sindku kien ser ikun ir-rappreżentant sostitut fil-Kumitat Konġunt tat-Tramuntana tal-Local Enforcement Sysytem - LES.

8.06 Il-Viċi Sindku qal li ż-żgħażagħ kienu rritoraw lura minn Wales u mill-ewwel impressjoni jidher li dawn kienu marru tajjeb ħafna. Hu qal li dawn kienu marru għal żjara ta' familjarizazzjoni minħabba li bejn iż-17 u l-24 ta' Awwissu kien ser imur grupp ta' żgħażagħ f' Wales. Il-Viċi Sindku qal ukoll li kien ser jiltaqa' mas-Sur Alberto Vinardi mill-Comune di Mathi fl-Italja.

8.07 Il-Kunisllier Gatt talab lill-kunsill sabiex titneħħa l-pjanċa li kien hemm ħdejn il-Knisja, u staqsa wkoll x' kienu qed jagħmlu l-ħaddiema li kienu assenjati mal-Kunsill.

8.08 Il-Kunsillier Said tkellmet dwar il-prolema ta' parkeġġ fit-triq ta' biswit il-Kastell ta' Żammitello u dwar jekk kienx il-każ li jsiru xi yellow double lines fuq in-naħa tal-kastell. Is-Sindku qal li l-Kunisll għandu jieħu parir dwar liema naħa għandhom isiru dawn il-linji. Is-Sindku għamel suġġeriment li flok linji jsiru xi tabelli. Din il-materja se titressaq ghall-attenzjoni tal-konsulent tal-Kunsill.

8.09 Il-Kunisllier Said tkellmet ukoll dwar it-taraġ ta' ħdejn "ic-chicken" fil-bajja tal-Gnejna.

8.10 Ġiet approvata l-lista ta' ħlasijiet annessa ma' dawn il-Minuti.

8.11 Il-laqgħa ntemmet fit-7.15p.m.

8.12 Is-Sindku sejjaħ laqgħa oħra tal-Kunsill, nhar it-Tlieta, 25 ta' Awwissu 2009, fis-6.00p.m.

Noel Cini
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Paul Vella
Sindku